# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa Nru. 80

It-Tnejn 20 ta' Mejju, 2019

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

**20 ta' Mejju, 2019**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 80.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**80.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji.

## 80.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-79.

**80.2.01** Il-minuti tal-laqgħa numru 79 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 80.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**80.3.01** Is-Sindku qal li meta twessgħet Triq il-Gonna l-ġebel tas-sejjieħ tpoġġa temporanjament fir-raba ta' Alfred Attard. Dan irid jitneħħa. Il-Kunsilliera qablu li dan il-ġebel jitneħħa mill-Kunsill.

**80.3.02** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-istudenti tal-Eko Skola ta' Laura Vicuna. Huma talbu li titranġa t-triq quddiem l-iskola tagħhom. Il-Kunsilliera qalu li ma jidhirx li hemm ħsara f'din il-parti tat-triq. Ser issir spezzjoni fuqha. Jista jkun li hemm bżonn tindifa sewwa f'din il-parti tat-triq.

**80.3.03** Ittra mit-Transport Malta dwar traffic management fi Triq ta' Għammar.

**80.3.04** Ċirkulari Numru 6/2019 CCTV Cameras installati mill-Kunsilli Lokali

**80.3.05** Ċirkulari Numru 7/2019 Riforma Gvern Lokali – Emendi fl-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363).

**80.3.06** Ċirkulari Numru SPI/08/2019 Attivita' – Light up the Night.

**80.0.07** Cirkulari Numru 8/2019 – Manutenzjoni ta' sinjali u marki stradali fil-lokalitajiet.

**80.3.08** Ċirkulari Numru SPI/SCI/09/2019 LC CARE Project – Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunita.

**80.3.9** Ċirkulari Numru SPI 10/2019 – Skema Finanzjarja – Żvilupp ta' Librerija Lokali/Reġjonali f'Ċentri tal-Komunita'.

**80.3.10** Rapport dwar ir-Restawr ta' parti minn Wied l-Għasri minn Alfred Baldacchino.

**80.3.11** Kwotazzjonijiet ta' *"Children's Area"* għall-attivita' ta' Settembru. Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni dwar dan.

**80.3.12** Ittra mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar l-applikazzjoni tal-Heritage Malta.

**80.3.13** Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill ġie nformat mis-Supretendent tal-Pulizija li l-għassa tal-Għasri ser tiġi rranġatha mill-pulizija. Dan ix-xogħol għandu jibda fil-ġimgħat li ġejjin.

## 80.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

**80.4.01** Il-Kunsillier Sandra Mifsud qalet li hi ġiet mitluba sabiex issir tabella ta' direzzjoni fi Triq ta' Għammar fejn il-parking tal-korazza *"electric"* li tindika d-direzzjoni tal-pjazza u toilets. Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment.

## 80.5 Rapporti:

**80.5.01** *Ittra ta' Direzzjoni u Risposta.* Ġew ippreżentati l-Ittra ta' Direzzjoni u r-risposta. Ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 80.6 Attivitajiet tal-Festa 2019

**80.6.01** **Tiġrija taż-żwiemel.** Wara li saru diversi konsultazzjoniet dwar l-organizzazzjonijiet tat-tiġrija ġie deċiż mill-organizatturi li mhux ser isiru tiġrijiet fit-toroq iżda fil-korsa għal dawk li jixtiequ jorganizzaw it-tiġrija. Il-Kunsilliera ma qablux li t-tiġrija ssir fil-korsa u għalhekk mhux ser issir din is-sena

**80.6.02** **Kunċert u Lejl *"Country".*** Minflokk it-Tigrija taż-żwiemel il-Kunsill ser jorganizza Kuncert bit-Tenur Angelo Muscat nhar it-Tnejn 3 ta' Gunju wara l-ħruġ tal-istatwa. Nhar il-Ħamis 6 ta' Gunju ser jiġi organizzat *Country Night* bis-sehem ta' Marisa D'Amato u line dancers. Il-Logħob għal Kulħadd ser isir nhar l-Erbgħa 5 ta' Gunju. Id-DJ li ssemma fl-aħħar laqgħa mhux ser jinġab. Bħas-snin ta' qabel il-Kunsill ser jieħu ħsieb li jkun hemm sistema ta' sound u Dj nhar il-Ġimgħa, Sibt u Ħadd tal-festa.

**80.6.03** **Kwotazzjoni.** Il-Kunsill ġabar tlett kwotazzjonijiet għat-tindif tat-toroq matul il-jiem tal-festa. Il-Kunsill għażel l-aktar wieħed vantaġġjuż.

## 80.7 Measure 4.3 u Toroq Fil-Lokalita' Tiegħek.

**80.7.01** Ix-xogħol fit-Toroq it-Tamar u San Pupulju għandhom ikomplu fil-ġimgħat li ġejjin.

**80.7.02** Il-Kunsill qed jaħdem sabiex joħorġu l-pagamenti ta' toroq li saru taħt il-Miżura 4.3

## 80.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Kontijiet.

**80.9.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-80 biex ikunu approvati mill-Kunsill. Ġie diskuss il-pagament fl-ammont ta' €150.00 lil wieħed mill-ħaddiema ta' l-iskema li m'għadux assenjat mal-Kunsill fuq talba tiegħu. Il-Kunsilliera ma approvawx dan il-ħlas. Il-Kunsillier, Frank Formosa ma ħax sehem f'din id-deċiżjoni. Il-komplament tal-iskeda kif ippreżentatha ġiet aċċettatha mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 80.9 Mozzjonijiet

**80.9.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 80.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**80.10.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 p.m. u ġiet aġġornatha għal nhar it-Tnejn 6 ta' Gunju fis-7:00 p.m. Din il-laqgħa ser tkun biss biex jiġu approvati l-minuti numru 80, peress li ser issir l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-25 ta' Mejju.

Konfermati, it-Tnejn 20 ta' Mejju 2019

**FFIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**FFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv